**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 533/13 JZM**

**HSBC Bank Malta plc (3177)**

***kontra***

**Standard Chartered plc, bank esteru registrat fir-Renju Unit, bin-numru ufficjali ta` registrazzjoni 00966425, u b`digriet tas-7 ta` Ottubru 2013 l-isem tal-konvenut gie jaqra "Standard Chartered Bank, bank esteru registrat fir-Renju Unit"**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezenta l-bank konvenut fl-1 ta` Novembru 2017 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ghat-tahrik ta` xhieda fir-rigward ta` hames persuni li huma ndikati fir-rikors.**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Novembru 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Novembru 2017.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat in-noti ta` referenzi li pprezentaw il-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2018 fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar ir-rikors ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Ix-xhieda prospettivi</u>

Il-bank konvenut qed jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex iharrek il-persuni ndikati fir-rikors sabiex dawk il-persuni – jew min minnhom – jixhdu u jaghtu informazzjoni dwar Emirates Aircrete Industries Co. Corporation Limited (C-51943), dwar Emirates Aircrete Industries Co Corporation socjeta` estera registrata go Anguilla bin-numru ta` registrazzjoni 2144164, dwar Cuneyt Zencirci detentur tal-Passaport Tork bin-numru TR-YNo227052, u Polka Trade Limited socjeta` estera registrata go Anguilla bin-numru ta` registrazzjoni 2175739.

## III. <u>L-oggett tal-prova</u>

Il-bank konvenut jissottometti li dak li jrid jikseb bil-persuni koncernati huwa l-prova ta` *fraus omnia corrumpit* sabiex imbaghad ikun determinat jekk dik il-prova twassalx ghall-invalidita` tal-*letter of credit* jew le. Il-bank konvenut jikkontendi li dik il-prova hija ghal kollox in linea mat-talbiet u mal-mertu tal-kawza.

In sostenn tat-talba tieghu, il-bank konvenut jaghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-Istati Uniti fl-1941 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Sztejn vs J. Henry Schroder Banking Corporation.</u>**

Il-bank konvenut ighid illi Sztejn kienet kumpannija li kkontrattat sabiex tixtri oggetti minghand Transea Traders Limited, u sabiex isir il-hlas intalab il-

hrug ta` *letter of credit* minn Schroder a favur Transea Traders Limited. Qabel sar il-hlas, Sztejn ghamlet kawza fejn talbet li l-*letter of credit* u l-flus li kellhom jithallsu jigu dikjarati nulli kif ukoll sabiex ikun hemm inibizzjoni li jsir il-hlas. It-talba saret ghaliex kien allegat li Transea Traders Limited kienet poggiet fil-kaxxi tal-merkanzija ghall-konsenja *"worthless material with intent to simulate genuine merchandise and defraud the plaintiff"*.

Il-bank konvenut ighid li fid-decizjoni taghha, il-Qorti, filwaqt li rriaffermat il-principju li *letter of credit* hija indipendenti mill-kuntratt ta` kompravendita, sostniet ukoll illi l-applikazzjoni tal-principju ta` indipendenza ta` *letter of credit* japplika biss jekk id-dokumenti relatati inkluzi l-*bill of lading,* ir-ricevuti tal-hlas u l-*packing list* ikunu genwini u mhux bhal fil-kaz li kellha quddiemha fejn kien hemm frodi da parti tal-venditur.

Skont il-bank konvenut, dik id-decizjoni stabbiliet ir-regola li persuna li thoss ruhha aggravata ghax tkun giet defrawdata minn beneficjarju qarrieqi, tista' tistrieh fuq il-*"fraud rule"* sabiex tipprotegi l-interessi taghha u l-hlas taht *letter of credit* jista` jigi nterrott sakemm il-frodi jkun ippruvat u determinat.

Saret referenza wkoll ghad-decizjoni moghtija mill-House of Lords fl-1982 fil-kawza fl-ismijiet **United City Merchants (Investments) Ltd vs Royal Bank of Canada**. Hemm il-hlas ta` *letter of credit* kien rifjutat wara li l-*bill of lading* li kienet ipprezentata ghall-hlas kienet giet pre-datata minn terza persuna b`mod frawdolenti.

Il-bank konvenut sostna l-linja ta` hsieb li qieghed javvanza fil-kawza tal-lum kienet ikkonfermata f`diversi sentenzi ohra fosthom uhud moghtija fil-Kanada : **Aspen Planners Ltd vs Commerce Masonry & Forming Ltd** ; **Research & Developments Ltd vs Bank of Nova Scotia ;** u **Bank of Nova Scotia vs Angelica-Whitewear Ltd** kif ukoll sentenza moghtija l-Awstralja : **Contronic Distributors Party Ltd vs Bank of New South Wales.**

Il-bank konvenut jirreferi wkoll ghal **Harbottle (Mercantile) Ltd vs National Westminster Bank Ltd** decizjoni Ingliza fejn inghad illi huwa biss fil-kazi cari ta` frodi li Qorti ghandha tindahal fi kwistjonijiet bejn il-bejjiegh u x-xerrej, sabiex ma ssirx hsara fil-fiducja li hija vitali fil-kummerc internazzjonali.

Fuq nota finali, il-bank konvenut jissottometti li hlas skont *letter of credit* m`ghandux isir fejn hemm element ta` frodi.

Ladarba kien stabbilit li kien hemm frodi kontra l-bank fil-Bahrain, bl-istess mod jekk hemm frodi fil-konfront tal-bank fl-Ingilterra, l-element ta` frodi

ghandu jintuza sabiex ma jsirx pagament. Ghalhekk il-bank konvenut qieghed jitlob li jaghmel il-prova tal-frodi peress illi jikkontendi li fl-eventwalita` li jigi ppruvat frodi xjentement ipperpetrat minn Emirates Aircrete Industries Co Ltd dan jintitola lill-bank konvenut biex ma jhallasx fuq il-*letter of credit.*

Il-bank konvenut sostna li ladarba l-hlas fuq il-*letter of credit* kien lahaq sar qabel ma kien dovut il-hlas minn Standard Chartered Bank Bahrain, u ladarba l-*letter of credit* harget wara frodi tal-venditur, il-bank konvenut ma kellux ikun tenut obbligat ihallas dik il-*letter of credit* ; jekk xejn, il-bank attur kellu jirreklama l-hlas minghand min ikkommetta frodi mhux minghand min kien il-vittma tal-frodi..

## IV. <u>L-oggezzjoni tal-bank attur</u>

Il-bank attur isostni l-oggezzjoni tieghu ghall-provi li jrid jaghmel il-bank konvenut billi jghid illi r-referenzi li saru mill-kontroparti mhux rilevanti ghall-kaz odjern peress li lkoll jirreferu ghal procedura ta` inibizzjoni li tkun saret kontra bank li jkun ghadu ma onorax l-obbligi tieghu skont *letter of credit* favur beneficjarju.

Il-bank attur jikkontendi li l-kawza tal-lum hija fondata fuq konsiderazzjoni legali li skont il-*Uniform Customs and Practice for Documentary Credits* li jirregolaw *etters of credit* kif ukoll in linea mal-principju li *documentary letter of credit* tikkostitwixxi kuntratt indipendenti mill-kuntratt kummercjali li abbazi tieghu jsir l-pagament, il-bank konvenut *qua* l-*issuing bank* huwa obbligat li jaqdi l-obbligi tieghu billi jhallas l-flus dovuti lill-bank attur *qua nominated/confirming bank* fl-istadju meta l-*letter of credit* timmatura.

In sostenn tal-posizzjoni tieghu, il-bank attur jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fil-31 ta` Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra fil-kawza fl-ismijiet <u>**Fortis Bank SA and Stemcor UK Limited vs Indian Overseas Bank.**</u>

## V. <u>Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti</u>

Il-Qorti rat ir-rikors guramentat.

Rat ukoll ir-risposta guramentata.

Issoffermat partikolarment fuq il-**hames eccezzjoni** li tghid hekk :-

*Bla pregudizzju ghall-ewwel erba` eccezzjonijiet u fil-mertu, il-letter of credit li kien hareg Standard Chartered Bank Bahrain a favur il-beneficcjarja s-socjeta` Maltija fuq il-letter of credit, kienet ibbazata fuq dokumenti formanti parti integrali tal-istess letter of credit, bhal ma kienu l-bill of lading, packing list, invoice, certificate of origin u dokumenti ohra li ghalkemm mad-daqqa t`ghajn deheru li kienu awtentici, `il quddiem irrizultaw li setghew jekk mhux probabilment ukoll kienu foloz jew iffalsifikati u kien biss meta gie skopert dan l-allegat qerq, cirkostanza dina, li sfortunatament giet skoperta meta l-ammont imsemmi fil-letter of credit, ghalkemm ma kienx ghadu gie trasferit minn SCB Bahrain Branch lil Bank Malti, dan ta` l-ahhar, kien gja trasferixxa dawn il-flejjes lill-kumpannija Maltija Beneficcjarja, kumpannija registrata hawn Malta bl-isem ta` Emirates Aircrete Industries Co. Ltd. li kienet il-klijenta tal-bank attur. Kien biss immedjatament wara li gie skopert dan il-qerq illi s-socjeta tal-Bahrain, the applicant, li taht l-awtorizzazzjoni taghha SCB Bahrain Branch harget il-letter of credit, u cioe` Ahmed Mansoor AL A Ali Co BSC (C), il-klijenta tal-istess bank, illi kienet talbet u otteniet l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni mill-Qorti Superjuri tal-Bahrain kontra Standard Chartered Bank Bahrain sabiex din tigi inibita milli titrasferrixxi l-ammont miftiehem fil-letter of credit li kellu jigi trasferit lis-socjeta` attrici u kienet din, f`dak l-istadju, l-unika raguni ghaliex dan it-trasferiment baqa` ma sehhx, ordni din, illi l-Bank tal-Bahrain ma seta` bl-ebda mod ma joqghodx ghaliha.*

*Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-letter of credit kienet wisq probabbli affetwata bi frodi imputabbli unikament ghas-socjeta` Maltija, billi din ta` l-ahhar apparentement irnexxielha tidhak b`kulhadd inkluz allura l-bank attur li tieghu kienet klijenta, tant illi minghandha rceviet l-ammont miftiehem fil-letter of credit, filwaqt li l-merkanzija li s-socjeta` Maltija kienet intrabtet li tghaddi lis-socjeta` fil-Bahrain, dejjem skont kif gie miftiehem fil-letter of credit u li a bazi tal-istess ftehim kellha tithallas, baqghet qatt ma ghaddiet il-merkanzija u minflok sparrixxiet u hadd ma jaf fejn jinsabu d-diretturi u/jew is-sidien taghha, raguni ohra ghaliex qatt ma giet notifikata bil-proceduri inizjati gewwa l-Bahrain.*

*Di piu, jidher ukoll illi minbarra li l-persuni kollha interessati jidhru li gew defrodati mis-socjeta` Maltija, u cioe` s-socjeta` applikanti gewwa l-Bahrain, SCB Bahrain, kif ukoll il-bank attur, li lkoll imxew skond dak patwit fil-letter of credit, kienu wkoll it-tlieta li huma kellhom il-kunsens taghhom ivvizjat bi zball billi kieku xi hadd minnhom kien jaf jew seta` ntebah bil-manuvri malinji tal-beneficcjarju, certament ma kinux jimxu fuq il-kontenut u l-obbligazzjonijiet miftehma fil-letter of credit, sabiex allura, il-ftehim kontenut fl-istess ma jghoddx kif jigi spjegat izjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*In segwitu ghal hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni gewwa l-Qorti talBahrain, is-socjeta` Ahmed Mansoor AL A Ali Co BSC (C) inizjat proceduri legali gewwa l-Bahrain mhux biss kontra s-socjeta` Maltija beneficcjarja u SCB Bahrain izda wkoll kontra l-Bank attur liema kawza ghadha pendenti, li sfortuna pero` li kwazi sentejn wara l-ftuh ta` din il-kawza, s-socjeta` Maltija ghadha sal-lum ma tistax tigi notifikata bil-kawza wieqfa minhabba f`hekk.*

*Ladarba allura, s-socjeta attrici hija wkoll parti ta` dawn il-proceduri, bhala konvenuta flimkien mas-socjeta` Maltija klijenta taghha, kellha kull interess li taghmel l-almu taghha biex tinnotifika lill-klijenti taghha stess hawn Malta billi kienet is-socjeta` Maltija biss li kienet agixxiet bl-akbar mala fede u litteralment serqitilha mal-USD 1,000,000 u n-nuqqas taghha milli almenu tipprova tinnotifikaha, ma tistax ma tigix interpretata bhala negligenza grossolana billi kienet biss is-socjeta` Maltija hatja tal-qerq u hadd iehor. Kien ukoll wisq facli ghal bank attur illi iharrek lil min dahak bih, il-klijent tieghu stess, il-kumpannija registrata Malta bl-ufficju taghha ftit distanza boghod mill-wiehed mill-branches taghha stess u dana m`ghamlitux, qed jigi sottomess, ghall-unika raguni illi kienet taf ben tajjeb illi l-amministraturi u/jew il-beneficcjarji ta` l-istess kumpanniji, zewg persuni ta` nazzjonalita Torka u li dwarhom kellha taghmel due diligence biex tara x`hobz jieklu qabel ma tivversalhom malUSD1,000,000, kienu ghosfru ; u meta kienu jafu wkoll illi din il-kumpannija ma kelliex hlief paid up share capital ta` €1,500 u kienet ilha rregistrata hawn Malta biss ftit xhur qabel ma saret il-letter of credit bir-registered address taghha probabilment xejn hlief indirizz brass plate.*

*Jigi sottomess illi kienu ghal dawn ir-ragunijiet illi s-socjeta` attrici, konsapevoli ta` dana kollu u minghajr speranza li hi setghet qatt tirkupra dan l-ammont minghandha, li flok mexxiet kontra minn dahak biha u harab, iddecidiet illi tipprova tirrikupra l-ammont minghand min ikun, hlief minghand min kellha u ghalhekk flok harket lill-klijent taghha, harket lis-socjeta` konvenuta. Ma rnexxilhiex tidhol mill-bieb u issa qed tipprova tidhol mit-tieqa. Forsi ghalhekk ukoll illi m`ghamlet xejn sabiex tikkoopera fil-proceduri tal-Bahrain, istitwiti wkoll kontra taghha, al menu sabiex il-klijenta taghha tigi notifikata!*

*Minn dana kollu ghandu jirrizulta illi din il-Qorti ghandha tkun moralment konvinta illi dawn ic-cirkostanzi ma jistghux ma jwasslux ghal konvinciment morali illi s-socjeta` Maltija bil-manuvri taghha irnexxielha tapproprja ruhha indebitament u b`mod illegali l-ammont ta` circa €1,000,000 u allura hija s-socjeta` Maltija biss u hadd iehor partikolarment is-socjeta` eccipjenti li ghandha tbati l-konsegwenza ta` dan l-ghemil.*

*Is-socjeta` esponenti ttenni illi l-principju generali tal-ligi Maltija li, fraus omnia corrumpit, la darba ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti, ghandu jwassal illi meta l-fraus huwa ppruvat f`obbligazzjoni bilaterali u letter of credit m`hi xejn hlief ftehim bilaterali, bil-quid pro quo, dan ghandu jwassal lill-Qorti tiddikjara illi l-letter of credit ghandha tigi mhassra/hija nulla jew annullabli, kif jigi spjegat izjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

**Sal-lum il-Qorti ma kellhiex talba sabiex taghti sentenza dwar il-hames eccezzjoni appena citata.**

**Kull ma ghandha quddiemha hija talba mill-bank konvenut sabiex jitharrku persuni mill-bank konvenut li jkunu jistghu jixhdu dwar il-<u>hames eccezzjoni tieghu</u>.**

**Fil-fehma taghha, tkun qeghda tiskonfina ghal gudizzju fil-mertu jekk fl-istadju attwali tal-kawza taghmel ezami ta` jekk eccezzjoni ta` dik ix-xorta tistax tinghata fil-kawza odjerna hekk kif promossa. Mhuwiex l-iskop tal-provvediment tal-lum illi tippronunzja ruhha dwar il-fondatezza tal-hames eccezzjoni. Jekk ma turix kawtela f`li tghid,**

tkun qeghda taghmel propju hekk, fatt li m`ghandux ikun fl-istadju prezenti tal-kawza.

Il-Qorti ma tara l-ebda xkiel procedurali jew ta` sostanza illi tawtorizza l-produzzjoni ta` l-persuni koncernati, irrispettivament mill-argumenti li ghamlu l-partijiet fin-noti ta` referenzi taghhom, ladarba hemm il-hames eccezzjoni.

L-argumenti li gabu l-partijiet bin-noti ta` referenzi taghhom kienu jinghataw il-konsiderazzjoni dovuta li kieku l-Qorti kienet mitluba taghti decizjoni parzjali dwar il-hames eccezzjoni.

L-argumenti li gab `il quddiem il-bank konvenut kienu ntizi biex juri li l-frodi tikkostitwixxi eccezzjoni ghall-principji legali generali li jirregola *letters of credit,* ossija *strict compliance* u *autonomy.* Mill-banda l-ohra, l-argumenti tal-bank attur jaghmlu l-punt illi allegazzjonijiet dwar frodi huma rrilevanti fl-isfond tal-principju ta` l-awtonomija u ta` l-indipendenza ta` *letter of credit* vis-a`-vis ir-relazzjoni ta` bejn venditur u xerrej.

Dawn l-argumenti jigu trattati meta jkun waqthom. U dak il-waqt ghadu ma wasalx.

Provvediment

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tal-bank konvenut ghas-smigh tax-xhieda ndikati fir-rikors tal-1 ta` Novembru 2017, ghall-fini tal-prova tal-hames eccezzjoni tal-istess bank konvenut. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur